**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 104**
**It-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2023 fl-4:00 p.m.**

**SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ – KAROZZA UFFIĊJALI**

**6915. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozza uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a. mingħand min inxtrat u kemm ġiet tiswa l-karozza uffiċjali tiegħu; u/jew
b. kemm qed tinkera kuljum il-karozza uffiċjali tiegħu?

03/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-karozza uffiċjali użata mis-Segretarju Parlamentari (Fondi Ewropej) hija BMW 520D. Din tinkera mill-kumpanija Vision Car Leasing Ltd. b'rata ta' €32.58 (VAT eskluż) kuljum.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KAROZZA UFFIĊJALI U ALLOWANCE MINFLOK IS-SECOND CAR TIEGĦU**

**6916. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6193, ladarba l-Ministru ddikjara li mhux qed juża s-second car, jista' jgħid kemm hi l-allowance li qed jieħu minflok l-użu ta' din il-karozza?

03/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 36589 li ngħatat nhar il-25 ta' Settembru tal-2012 tal-Leġiżlatura XI.

Seduta 104
20/03/2023

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - KAROZZA UFFIĊJALI U ALLOWANCE MINFLOK IS-SECOND CAR TIEGĦU**

**6917. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6192, ladarba d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ddikjara li mhux qed juża s-second car, jista' jgħid kemm hi l-allowance li qed jieħu minflok l-użu ta' din il-karozza?

03/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat tweġiba tal-mistoqsija Parlamentari numru 36589 li ngħatat il-25 ta' Settembru tal-2012 tal-Leġiżlatura X1.

Seduta 104
20/03/2023

**PROTECTION ORDERS**

**6952. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw protection orders minħabba vjolenza domestika mis-sena 2020 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

06/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-15 ta' Marzu 2023 tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Numru ta' Ordnijiet ta' Protezzjoni relatati ma' Vjolenza Domestika | Numru ta' Temporary Protection Orders relatati ma' Vjolenza Domestika |
|---|---|---|
| 2020 | 91 | 37 |
| 2021 | 48 | 16 |
| 2022 | 88 | 33 |
| 2023 | 3 | 0 |

Seduta 104
20/03/2023

**LANDS DEPARTMENT – PROPRJETAJIET B'ĊENS**

**6953. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetajiet tad-Dipartiment tal-Artijiet li għandhom iċ-ċens?

06/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tal-Artijiet ma jeżistix.

Seduta 104
20/03/2023

**EMBELLISHMENT TA' HOUSING ESTATES**

**6954. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'embellishment sar, fejn sar, u x'tip ta' embellishment sar fil-Housing Estates madwar Malta?

06/03/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dwar tisbiħ u manutenzjoni ta' binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali, mis-sena 2013 sal-2022 l-Awtorità tad-Djar wettqet diversi proġetti ġewwa Housing Estates madwar Malta. Ix-xogħlijiet f'dawn il-proġetti jiffukaw primarjament fuq tisbiħ tal-faċċati, tindif tal-ġebla, tikħil ta' fili, kisi u żebgħa tal-ħitan, waterproofing fuq il-bjut u rinovar ġenerali tal-partijiet komuni skont xi jkun meħtieġ l-aktar fil-binja partikolari.
Lista' tal-proġetti li twettqu u tlestew f'dawn l-aħħar snin qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 104
20/03/2023

**FORMOLARJU TAL-GVERN – MEDIĊINI GĦALL-PARKINSON'S DISEASE**

**6955. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'mediċini għall-Parkinson's Disease hemm fuq il-formolarju tal-Gvern?

06/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ewwel tabella mehmuża tindika l-mediċini li hemm fuq il-formolarju tal-Gvern għall-*Parkinson's Disease,* waqt li t-tieni tabella turi mediċini oħra biex ittaffu s-sintomi ta' l-istess kundizzjoni.

**Mediċini speċifikament għat-trattament tal-Parkinsons**
Amantadine 100mg tabs
Benzhexol 2mg
Bromocriptine 2.5mg tab
Levodopa + bensarazide 100mg + 25mg dispersible tab
Levodopa + bensarazide 100mg + 25mg tabs

Levodopa + bensarazide 200mg + 50mg tabs
Levodopa + bensarazide 50mg + 12.5mg tabs
Levodopa + carbidopa 100mg + 10mg tabs
Levodopa + carbidopa + Entacapone 100mg + 25mg + 200mg tabs
Orphenadrine 50mg tabs
Procyclidine 10mg/2ml IV/IM inj
Procyclidine 5mg/5ml syrup
Procyclidine 5mg tabs
Rasagiline 1mg tabs
Ropinorole 5mg tabs
Ropinorole 5mg tabs
Ropinorole 250 mcg tabs
Seleginine 5mg tabs

Laxatives - Ispaghula Husk powder, Lactulose Syrup, Glycerol suppositories, Phosphate Enema

Urinary incontinence – Oxybutinin 5mg tabs

Topical preparations – Lidocaine 5% gel, Lubricating jelly

1. Enteral feeds, fluid thickeners and other equipment
Carbohydrate Energy Supplement powder
Complete Nutritional Liquid 200ml
Complete Nutritional Preparation Liquid 500ml
Fluid Thickener powder
High Protein Powder
Water for Injection

Seduta 104
20/03/2023

**PERSUNI LI JBATU MIS-CYSTIC FIBROSIS U KURA**

**6956. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hawn persuni jbatu mis-cystic fibrosis u x'kura qiegħda tingħata?

06/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 19-il persuna li jbatu mis-Cystic Fibrosis. 6 minn dawn huma tfal u jieħdu CF Treatment kollu. 11 minn dawn huma kbar u qegħdin fuq terapija Kaftrio. 2persuni ma jieħdux t-trattament, waħda imħabba il-ġenetika u l-oħra għax irrifjutat it-trattament.

Seduta 104
20/03/2023

**MOSTA – XOGĦLIJIET TA' TOROQ**

**6963. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5810, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid liema huma t-toroq fil-Mosta li għandhom jiġu rranġati, jew għandu jsir xi xogħol fuqhom, tul l-2023?

07/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'taħdidiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' xogħol infrastrutturali f'toroq residenzjali li se jkunu qed isiru f'kull lokalità, fosthom fil-Mosta, matul is-snin li ġejjin. Dawn id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

Seduta 104
20/03/2023

**SA MAISON – UFFIĊĊJU OKKUPAT MINN INDIVIDWU**

**7046. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid sa liema żmien l-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament se jkompli jokkupa l-uffiċċju f'Sa Maison, liema uffiċċju huwa proprjetà tal-Gvern?

09/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari numri 2150 u 7134 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - AWDITUR**

**7047. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min hu l-awditur tal-Awtorità tal-Ippjanar, kemm jitħallas u liema kienu l-investigazzjonijiet li saru minnu?

09/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4817.

Seduta 104
20/03/2023

**MALTA BUSINESS REGISTRY - KUMPANIJI LI M'HEMMX INFORMAZZJONI DWARHOM**

**7048. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx kumpaniji reġistrati hawn Malta li dwarhom ma teżisti ebda informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-Malta Business Registry (MBR)?

09/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull kumpanija reġistrata hawn Malta għandha l-informazzjoni, kif mitluba skont il-liġi, aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-portal miżmum mir-Reġistratur tal-kumpaniji.

Seduta 104
20/03/2023

**BAĠIT– TNAQQIS MINN LINE ITEMS RESEND GĦALFEJN "UŻAT IL-LINE ITEMS"**

**7049. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 5440, 5441 u 5442 fejn il-Ministru rreferiet għat-tweġiba tagħha għall-mistoqsija parlamentari 5439 li tgħid li "l-allokazzjonijiet ma tistax issir b'mod iżolat imma trid tieħu kunsiderazzjoni l-allokazzjoni totali tal-vot", tista' l-Ministru tispjega għalfejn użat il-line items?

09/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nfakkar lill-Onor. Interpellant li l-infiq tal-flus mil-line items ivvutati fil-Baġit jitmexxa mid-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi li jaraw ukoll li l-infiq isir skont ir-regoli, ninformah ukoll li l-allokazzjoni taħt kull line item tintuża għall-iskop li għalih tkun saret l-approprjazzjoni. Meta imbagħad ikun hemm ċirkostanzi fejn ikun meħtieġ li jiġu riallokati fondi minn line item għal ieħor, dan isir billi titressaq talba għall-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

Seduta 104
20/03/2023

**BAĠIT 2023 – LINE ITEM 5891 – TNAQQIS**

**7050. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5439, tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-Action Plan fuq il-klima għal din is-sena? Tista' telenka n-numru ta' miżuri li ser tkun qed tieħu?

09/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-miżuri biex ikun indirizzat it-tibdil fil-klima, imorru lil hinn mir-responsabbiltà ta' ministeru wieħed u allura hemm numru ta' miżuri oħra li jindirizzaw dan is-suġġett.
Però ninforma lill-Onor. Interpellant li, taħt il-Ministeru tiegħi biss, fil-budget għal din is-sena hemm mhux inqas minn tnax-il miżura relatati mal-klima. Dawn jinkludu fost l-oħrajn għajnuniet lil negozji li jinvestu fi proġetti li jnaqqsu l-carbon footprint u jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-materja prima, investimenti fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku sabiex din tkun tiflaħ aktar għall-enerġija ġġenerata minn sorsi rinovabbli, skemi u inizjattivi intiżi għall-ġenerazzjoni u l-ħażna ta' enerġija rinovabbli, investimenti lejn karozzi li jaħdmu bl-elettriku, u t-tkomplija ta' proġetti fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart b'mod li minflok jikkontribwixxi għall-ħruġ ta' gassijiet serra dan ikun ukoll sors ta' enerġija nadifa.

Seduta 104
20/03/2023

**ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA FIL-BJAR**

**7051. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5434, jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar biex tara li verament inbnew il-bjar kif ikunu approvati?

09/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jispeċifika l-perjodu tat-tagħrif mitlub.

Seduta 104
20/03/2023

**UŻU MINN SERVIZZ TA' XUFIER U KAROZZA**

**7104. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6887, jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha u jgħid x'tip ta' karozza qed tintuża u jekk il-karozza hijiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern? Jekk inxtrat, kemm inxtrat, meta u mingħand min? Jekk qed tinkera, kemm hi l-kera kuljum u mingħand min qed tinkera? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm sejħa pubblika għax-xiri jew kiri ta' din il-karozza?

09/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-vettura tal-għamla Land Rover Discovery inxtrat b'direct order fl-2018 mingħand Muscat Motors għall-prezz ta' €36,014.00.

Seduta 104
20/03/2023

**UŻU MINN SERVIZZ TA' XUFIER U KAROZZA – TERMINATION PACKAGE**

**7105. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6887, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-termination package? Jista' jgħid minn min kien approvat, kif indikat, f'Diċembru 2019?

09/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Dettalji ta dak li qed tistaqsi dwaru, ingħataw fi tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 7134 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA – TRATTAMENT TA' PERSUNI FI STAT TA' EMERĠENZA/SUWIĊIDJU**

**7148. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega l-pathway ta' kif tiġi ttrattata/kurata persuna li tbati minn kundizzjoni ta' saħħa mentali li tattendi l-Emerġenza u tkun fi stat ta' emerġenza jew ta' suwiċidju?

13/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi pazjenti li jbatu minn kundizzjoni ta' saħħa mentali li jattendu l-Emerġenza, l-ewwel jiġu evalwati mit-tobba tal- emerġenza u jekk dan jiġi kkonfermat, it-tim psikjatriku li jkun on call 24/7 jissejjaħ biex jara lill-pazjent u jiddeċiedi dwar aktar kura.

Seduta 104
20/03/2023

**WIED BEJN L-IMTARFA, RABAT U L-IMDINA – TINDIF**

**7149. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta se titnaddaf u tingħalaq il-grada li ġiet istallata fil-wied ta' bejn l-Imtarfa, ir-Rabat u l-Imdina wara li sar abbuż u ntrema skart tal-kostruzzjoni?

13/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet parlamentari 5709 u 5895, nitolbu jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**IMTARFA – PERMESS GĦAL ANTENNI**

**7150. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx permessi għall-antenni li twaħħlu u/jew se jitwaħħlu fl-Imtarfa biex jittrasmettu TV u 5G?

13/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onorevoli interpellant jispeċifika it-tip t'antenni li qed jistaqsi dwarhom.
Filwaqt li ninforma li Klassi 7 (Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni) ta' l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar żvilupp (L.S. 552.08) tipprovdi li:
"(i) It-tqegħid, manutenzjoni jew alterazzjoni ta' kwalunkwe tagħmir tat-telekomunikazzjoni sakemm l-iżvilupp ma jinsabx f'ODZ jew fi proprjetà skedata.
Sakemm l-iżvilupp ma jinkludix –
(a) it-tlugħ ta' bini jew bidliet f'xi bini; jew

(b) l-introduzzjoni ta' arbli biex iġorru wiring 'l fuq mill-art u, jew strutturi ogħla minn għaxar metri biex isostnu dan it-tagħmir permess; jew
(ċ) ħsara diretta jew indiretta lil xi bini eżistenti li huwa skedat jew monumenti, fdalijiet arkeoloġiċi li jinkludu xeltrijiet sotterani, ġwiebi, mini tal-ilma, ħitan tas-sejjiegħ u paviment tal-ġebel."
ma jirrikjedix permess formali ta' żvilupp.

Seduta 104
20/03/2023

**IMTARFA – TESTIJIET DWAR ANTENNI**

**7151. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li twaħħlu antennas qrib residenzi fl-Imtarfa, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk sarux testijiet dwar kif jistgħu jaffettwaw is-saħħa?

13/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 21701 tat-XIII-il Leġiżlatura.

Seduta 104
20/03/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SEJĦA GĦALL-OFFERTI CT 2163/2021 – AVUKATI LI FFIRMAW IL-KUNTRATT**

**7164. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-avukati kollha li ssodisfaw il-kriterji għat-tender sabiex jipprovdu servizzi legali lill-Awtorità tal-Artijiet (CT 2163/2021) iffirmawx il-kuntratt u provdewx garanzija bankarja?

13/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kuntratt imsemmi ġie kkanċellat.

Seduta 104
20/03/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SEJĦA GĦALL-OFFERTI CT 2163/2021 – AVUKATI LI FFIRMAW IL-KUNTRATT**

**7165. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Minn dawk l-avukati li ffirmaw il-kuntratt marbut mat-tender CT 2163/2021 sabiex jipprovdu servizzi legali lill-Awtorità tal-Artijiet u pprovdew garanzija bankarja, jista' l-Ministru jgħid sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija kemm ingħataw xogħol u jelenka r-remunerazzjoni li ngħatat lil kull avukat jew organizzazzjoni s'issa?

13/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 7164.

Seduta 104
20/03/2023

**LAQGĦAT MA' UFFIĊJALI/RAPPREŻENTANTI TA' KUMPANIJI FIL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

**7190. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti elenku tal-laqgħat li attendew uffiċjali jew rappreżentanti ta' Vitals u/jew Steward Healthcare fil-Ministeru għas-Saħħa bejn l-2013 u d-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Meta kienu dawn il-laqgħat u min kien preżenti għal kull laqgħa?

13/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**7191. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx maħtura l-membri tal-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet stabbilit skont l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, Kap. 81? Jekk inħatru l-membri jista' jgħid min huma, meta ġew maħtura u għal kemm żmien hi l-ħatra ta' kull wieħed minnhom?

13/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**KUMMISSJONI TAL-LIĠIJIET – MEMBRI U ĦADDIEMA**

**7192. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Law Commission, meta saret il-ħatra ta' kull membru u għal kemm żmien? Jista' jgħid kemm hemm persuni impjegati mal-Law Commission u f'kull każ x'inhi l-kariga tagħhom?

13/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-Kummissjoni għal-Liġijiet hija magħmulha mill-Kummisarju tal-Liġijiet li ġie maħtur fl-2021 b'terminu ta' 3 snin. Il-Kummissjoni timpjega assistent għall-Kummissarju u xufier/messaġier. Barra minn hekk, mal-Kummissjoni hemm kuntrattati 6 avukati.

Seduta 104
20/03/2023

**IDPC – UFFIĊĊJU – DEĊIŻJONIJIET FUQ PENALITAJIET**

**7193. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) kemm ta deċiżjonijiet fejn impona penalitajiet minħabba nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti dwar id-data protection matul l-2022? F'kull każ jista' jgħid kemm kien l-ammont tal-penali u jekk ġietx ikkontestata?

13/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2022, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data impona multa amministrattiva f'erba' każijiet, wara li ġie konkluż li l-kontrollur tad-data rispettiv kiser il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data. L-ammont tal-multa u jekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju, li permezz tagħha impona tali multa, ġietx ikkontestata, huwa kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. L-appelli taż-żewġ multi msemmija f'din it-tabella għadhom mhux konklużi.

| Ammont tal-multa amministrattiva | Deċiżjoni appellata |
|---|---|
| €250,000 | Iva |
| €65,000 | Iva |
| €5,000 | Le |
| €2,500 | Le |

Seduta 104
20/03/2023

**LEASING OF PREMISES IN QALA TO HOUSE A COMMUNITY CLINIC FOR PRIMARY HEALTHCARE WITHIN THE MINISTRY FOR HEALTH**

**7194. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa li ħareġ reċentement il-Ministeru tiegħu '*Leasing of Premises in Qala to House a Community Clinic for the Primary Health Care within the Ministry for Health' CFT026-3021/23 (CPSU1956/22)* u jgħid kemm se tqum fi flus din is-sejħa u għal kemm-il sena hi s-sejħa? Jista’ jgħid fejn fil-passat kien jiġi offrut dan is-servizz ġewwa r-raħal tal-Qala u għala ma baqax jiġi offrut dan is-servizz minn dan il-post? Jista’ jgħid ukoll fil-preżent minn fejn qed jingħata dan is-servizz?

13/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara sejħa pubblika instab sit minn fejn ser tibda topera Klinika Kommunitarja għas-Saħħa fil-Qala. Dan is-sit ser jinkera għas-somma ta’ €12,000 fis-sena. Ninfurmaħ ukoll illi l-klinika l-qadima tal-Qala ma kinitx adegwata peress illi kienet lokata f’kamra waħda ġo skola.

Seduta 104
20/03/2023

**IR-RABAT – ĊIMITERJU TA’ SANTA MARTA – MANUTENZJONI U XOGĦOL**

**7195. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 22261 u 22840 tat-13-il Leġiżlatura intera (kollha kemm huma) rigward iċ-Ċimiterju ta' Santa Marta fir-Rabat u jgħid x’tip ta’ manutenzjoni u xogħol ieħor sar u kemm ġie jiswa fiċ-Ċimiterju ta’ Santa Marta fir-Rabat, f’dawn l-aħħar sitt snin maqsuma sena b’sena u kemm kienet l-ispiża? Jista’ jgħid x’hemm ippjanat bħala manutenzjoni u xogħol ieħor li jsir f’dan iċ-ċimiterju matul is-sena 2023 u kemm hi ppjanata li tkun l-ispiża?

13/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferih għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 22840, nerġa' ntenni li l-Ministeru se jkun qed jara biex fix-xhur li ġejjin issir il-manutenzjoni meħtieġa b’kollaborazzjoni mas-Superintendence for Cultural Heritage.

Seduta 104
20/03/2023

**IR-RABAT MALTA – KAPPELLA TAS-SANĊIER - RESTAWR**

**7196. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rapport tal-istat li tinsab fiha l-Kappella tas-Sanċier ir-Rabat Malta u hemmx pjan biex isir restawr immedjat u meta ħa jibda?

13/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-għaqda non-governattiva ‘Din l-Art Ħelwa’ ssottomettiet rapport dwar l-istat ta’ konservazzjoni tal-Kappella tas-Sanċir bħala parti mid-dokumenti meta saret it-talba għal kustodja tal-istess kappella. F’dan l-isfond, infurmat li fondi għar-restawr jistgħu jingħataw ladarba it-talba għal kustodja tal-binja tiġi milqugħa.

Intant infurmat li t-talba qiegħda tiġi pproċessata mill-awtorità kkonċernata.

Seduta 104
20/03/2023

**PARTIAL KNEE REPLACEMENT – LISTA TA' STENNIJA**

**7197. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika magħrufa bħala 'partial knee replacement'?

13/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 133 persuni jistennew il-partial knee replacement.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – LAQGĦAT FL-UE**

**7205. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi attendejt għall-EYCS Council li sar bejn it-28 u d-29 ta' Novembru (2022) u mistenni nattendi għall-istess Kunsill li jsir bejn il-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – LAQGĦAT FL-UE**

**7206. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għal liema laqgħat attendiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistennija tattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala prassi, u sa fejn ikun possibbli, jien nattendi l-laqgħat kollha li jsiru fi ħdan l-Unjoni Ewropea u li jkunu intenzjonati għall-Ministri responsabbli mit-temi partikolari tal-portafoll ministerjali tiegħi.
Normalment dawn ikunu jinkludu il-laqgħat li jsiru tal-Kunsill Ministerjali tal-Ambjent kif ukoll dak tal-Enerġija.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA – LAQGĦAT FL-UE**

**7207. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien attendejt għal dawn il-laqgħat li ġejjin mill-bidu ta' din il-leġiżlatura:

- 9 ta’ Ġunju 2022 – Justice and Home Affairs Council ġewwa l-Lussemburgu
- 13 u 14 t’Ottubru 2022 – Justice and Home Affairs Council ġewwa l-Lussemburgu
- 8 u 9 ta' Diċembru 2022 – Justice and Home Affairs Council ġewwa Brussell
- 9 u 10 ta’ Marzu 2023 – Justice and Home Affairs Council ġewwa Brussell

Intant fix-xhur li ġejjin ser nattendi l-Justice and Home Affairs Council bejn it-8 u 9 ta’ Ġunju 2023 ġewwa l-Lussemburgu.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – LAQGĦAT FL-UE**

**7208. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f’dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li attendejt u mistenni nattendi laqgħat hekk kif ġej:

25-26 ta’ Jannar – Swedish Informal Home Affairs Council Meeting – Stokkolma, l-Iżvezja,

3-4 ta' Marzu - Med 5, Malta

9 ta’ Marzu – Formal Justice and Home Affairs Council Meeting – Brussell, il-Belġju.

20-21 ta’ Marzu – Jumbo Foreign and Defence Council Meeting + Schuman Security and Defence Forum 2023 – Brussell il-Belġju

8/9 ta’ Ġunju (Dettalji għad iridu jiġu mħabbra) – Formal Justice and Home Affairs Council Meeting – Lussemburgu.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – LAQGĦAT FL-UE**

**7209. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f’dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – LAQGĦAT FL-UE**

**7210. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

13/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħala parti mix-xogħol Ministerjali tiegħi, nattendi regolarment għal diversi laqgħat imsejħa minn xi istituzzjoini tal-Unjoni Ewropeu, partikolarment dak tal-Kunsill tal-Ministri. Hu ppjanat li f'Mejju u Ġunju nattendi għal laqgħat skont l-Agenda maruġa mill-Presidenza.

Seduta 104
20/03/2023

**GUARDIANSHIP DEEDS**

**7223. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6935, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għaliex hemm dewmien twil (saħansitra snin sħaħ ta' dewmien) fl-għotja ta' Atti ta' Kurazija (Guardianship deeds) lil NGOs? Fejn qegħdin jeħlu dawn il-proposti? Jista' jgħid ukoll jekk dan id-dewmien huwiex ġustifikat jew le? Jista' jiċċara f'isem il-Gvern jekk hemmx jew le r-rieda politika biex ikomplu jingħataw Atti ta' Kurazija lil NGOs?

14/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**FGURA – TRIQ TAX-XEMX U L-QAMAR – ŻVILUPP**

**7224. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6936, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u li issa ġiet riferuta lilu, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-archaeological drawing tal-permess PA/07155/19 li jinsab fi Triq tax-Xemx u l-Qamar kantuniera ma' Triq il-Karmnu, side road ta' Triq id-Dejma, Fgura? Jista' jgħid kemm instabu features b'kollox fuq dan is-sit? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'lista deskrittiva ta' features li nstabu fuq dan is-sit (cross-referenced mal-archaeological drawing ta' PA/07155/19), il-valur kulturali mogħti għal kull feature u d-deċiżjoni li ttieħdet għal kull feature hekk kif indikat fit-tabella li qed tintbagħat separatament? Jista' jgħid ukoll jekk instabux special funds fuq dan is-sit u jagħti informazzjoni dwar xi nstab u fejn instabu fis-sit? Peress li diġà għaddiet sena minn mindu nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, hemm ħsieb li xi fdalijiet li nstabu fuq dan is-sit jiġu skedati? Jekk iva, liema u f'liema livell?

14/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat minn naħa tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturalili l-fdalijiet misjuba fis-sit in kwistjoni ġew skoperti waqt evalwazzjoni arkeoloġika li saret waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni u li ntemmet qabel ma nħareġ il-permess.

Infurmat li ladarba s-Sovrintendenza kellha d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha dwar is-sejbiet, iddeterminat liema minn dawn kienu ta' importanza u li kellhom jinżammu.

F'dan l-isfond infurmat li s-Sovrintendenza tat istruzzjonijiet lill-applikant u lill-perit sabiex jinbidlu l-pjanti sottomessi ħalli l-fdalijiet jinżammu u jiġu ppreservati. Fil-fatt, infurmat li l-pjanti ġew mibdula u parti mill-kantina u l-pjan terran ma sarux sabiex dawn il-fdalijiet jibqgħu ppreservati u esposti b'mod permanenti.

Intant infurmat li s'issa ma saret l-ebda talba għal iskedar ta' dawn il-fdalijiet minħabba li ttieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-protezzjoni tagħhom.

Finalment, qiegħed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-archaeological drawing kif ukoll l-excel sheet bl-informazzjoni kif mitlub.

Seduta 104
20/03/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**7225. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4339, 4896, 5647, 5844, 6251, 6478, 6774 u 6966 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

14/03/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**ENEMALTA - SERQ U TBAGĦBIS TA' METERS**

**7227. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 6736 u 6994 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6289 dwar il-kontroll tas-serq tal-elettriku, tista' l-Ministru twieġeb tali mistoqsija għar-rigward tal-każijiet mill-2013 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2013 sal-aħħar tal-2022, l-Enemalta sabet 1,748 każ ta' serq u tbagħbis ta' meters tal-elettriku. Minn dawn il-każi kien hemm 698 fuq kontijiet kummerċjali u 1,050 każ ieħor fuq kontijiet domestiċi. Minn dawn il-każijiet l-Enemalta rkuprat 9.4 miljun ewro.
L-avukati li assistew lill-Enemalta f'dawn il-każijiet huwa l-uffiċċju legali ta' Dr Franco Debono u Dr Lucio Sciriha.
Fil-proċeduri biex ikunu deċiżi dawn il-każijiet kien ikun involut il-Kap Eżekuttiv tal-Enemalta, uffiċjal mis-Sezzjoni tar-Revenue Assurance tal-kumpanija, l-Uffiċċju Legali, l-Executive Director responsabbli mill-Finanzi u l-Manager tal-Internal Audit tal-Enemalta.

Seduta 104
20/03/2023

**MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR U NAXXAR – PROJECT GREEN**

**7228. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6450, tista' l-Ministru tgħid x'art tal-Gvern se tintuża għall-Project Green fil-Mellieħa/San Pawl il-Baħar u n-Naxxar?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Bħalissa għaddej proċess ta evalwazzjoni fuq numru ta proġetti f'bosta lokalitajiet. Il-proġetti li se jkunu qegħdin jitwettqu ser jitħabbru wara li jintemm dan il-proċess.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL - AED MHUX FUNZJONABBLI**

**7229. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4941, 5096, 5826 u 6639 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il AED hemm li mhux funzjonabbli fl-iskejjel?

14/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 8 AEDs mhux funzjonabbli. Infurmat li l-iskejjel konċernati qed jieħdu l-azzjoni neċessarja biex dawn l-AEDs jissewwew mill-iktar fis possibbli.

Seduta 104
20/03/2023

**REMUNERAZZJONI TA' EKS MEMBRI PARLAMENTARI**

**7230. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' konsulenza, servizz jew xort'oħra ta' remunerazzjoni li ngħataw mill-Ministeru jew minn xi entità li taqa' taħtu, lill-Eks Membri Parlamentari li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament bejn l-2018 u llum? Jista' f'kull każ jgħid b'liema proċedura ngħata l-kuntratt jew servizz, x'kienet ir-remunerazzjoni u x'kienu l-benefiċċji u perkaċċi marbuta miegħu?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**REMUNERAZZJONI TA' EKS MEMBRI PARLAMENTARI**

**7231. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' konsulenza, servizz jew xort'oħra ta' remunerazzjoni li ngħataw mill-Ministeru jew minn xi entità li taqa' taħtu, lill-Eks Membri Parlamentari li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament bejn l-2018 u llum? Jista' f'kull każ jgħid b'liema proċedura ngħata l-kuntratt jew servizz, x'kienet ir-remunerazzjoni u x'kienu l-benefiċċji u perkaċċi marbuta miegħu?

14/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu qiegħda fit-tabella t'hawn taħt, waqt li ninformaħ illi Dr Etienne Grech huwa advisor skont l-entitlement tas-segretarjat.

| **DR. SILVIO GRIXTI** | | | |
|---|---|---|---|
| **Period of Income** | **Amount (€)** | **Gross/VAT Type** | **Services Rendered** |
| February 2020 - January 2021 | 7,500 | inc. VAT | Consultancy Services |
| February 2019 - January 2020 | 7,500 | inc. VAT | Consultancy Services |
| February 2018 - January 2019 | 7,500 | inc. VAT | Consultancy Services |
| Jan-18 | 625 | inc. VAT | Consultancy Services |

Seduta 104
20/03/2023

**REMUNERAZZJONI TA’ EKS MEMBRI PARLAMENTARI**

**7232. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' konsulenza, servizz jew xort’oħra ta' remunerazzjoni li ngħataw mill-Ministeru jew minn xi entità li taqa' taħtu, lill-Eks Membri Parlamentari li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament bejn l-2018 u llum? Jista' f'kull każ jgħid b'liema proċedura ngħata l-kuntratt jew servizz, x'kienet ir-remunerazzjoni u x'kienu l-benefiċċji u perkaċċi marbuta miegħu?

14/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 104
20/03/2023

**REMUNERAZZJONI TA’ EKS MEMBRI PARLAMENTARI**

**7233. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' konsulenza, servizz jew xort’oħra ta' remunerazzjoni li ngħataw mill-Ministeru jew minn xi entità li taqa' taħtu, lill-Eks Membri Parlamentari li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament bejn l-2018 u llum? Jista' f'kull każ jgħid b'liema proċedura ngħata l-kuntratt jew servizz, x'kienet ir-remunerazzjoni u x'kienu l-benefiċċji u perkaċċi marbuta miegħu?

14/03/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ kellu kuntratt ta’ Person of Trust bħala konsulent mal-Eks Membru Parlamentari Dr Luciano Busuttil mill-01/12/2017 sa 30/11/2018, u li ġie mġedded sat-12/01/2020. Skont dan il-kuntratt, ir-remunerazzjoni tiegħu kienet kif ġej:

| | |
|---|---|
| Salarju annwali | €37,194 |
| Allowance annwali Trasport | €4,659 |
| Allowance annwali Mobile | €815 |

It-tliet Eks Membri Parlamentari l-oħra msemmija ma ngħataw l-ebda xorta ta’ remunerazzjoni.

Seduta 104
20/03/2023

**REMUNERAZZJONI TA’ EKS MEMBRI PARLAMENTARI**

**7234. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' konsulenza, servizz jew xort’oħra ta' remunerazzjoni li ngħataw mill-Ministeru jew minn xi entità li taqa' taħtu, lill-Eks Membri Parlamentari li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament bejn l-2018 u llum? Jista' f'kull każ jgħid b'liema proċedura ngħata l-kuntratt jew servizz, x'kienet ir-remunerazzjoni u x'kienu l-benefiċċji u perkaċċi marbuta miegħu?

14/03/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnhu hija kif tidher fit-tabella annessa. Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-ħlas li d-dettalji dwarhom qed jingħataw fit-tabella annessa, huwa in konnessjoni mal-Uffiċċju tal-Arbitru, kif elenkat fl-Att tas-Sigurta’ Soċjali (Kap 318), appuntati kif elenkat fl-istess Att, f’artiklu 107:
*107. (1) For the purposes of this Act, the Minister may appointone or more persons to serve as Umpires in cases that may bereferred to them from time to time, sohowever that -(a) in all cases the person so appointed shall have held awarrant to practise the profession of advocate in Maltafor at least seven years; and(b) the appointment shall be for a period of one year.*

| 2020 | | |
|---|---|---|
| **Name and Surname of Ex-MP** | **Details** | **Amount in €** |
| Dr Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FOR PERIOD FROM 01.04.2020 TO 30.04.2020 | 1,440 |
| Dr Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FOR PERIOD FROM 01.05.2020 TO 31.08.2020 | 1,440 |
| Dr Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FOR PERIOD FROM 01.09.2020 TO 31.12.2020 | 1,287 |
| | | |
| **2021** | | |
| | **Details** | **Amount in €** |
| Dr Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FOR PERIOD FROM 01.01.2021 TO 30.04.2021 | 1,323 |
| | | |
| **2022** | | |
| | **Details** | **Amount in €** |
| Dr.Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FROM 01.09.2021 TO 31.12.2021 | 1,395 |
| Dr.Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FROM 01.01.2022 TO 30.04.2022 | 1,569.67 |
| Dr.Luciano Busuttil | PE NO 432267 - HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FROM 01.05.2022 TO 30.08.2022 | 1,461.67 |
| Dr.Luciano Busuttil | HONORARIA DUE TO THE UMPIRE APPEAL BOARD FROM 01.09.2022 TO 31.12.2022 | 1,497.66 |

Seduta 104
20/03/2023

**ĦAD-DINGLI - TREJQET IS-SAGĦTAR – NUQQAS TA' DAWL**

**7250. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid għalfejn fi Trejqet is-Sagħtar f’Ħad-Dingli qatt ma ġie installat dawl tat-triq? Jista’ jara li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex din it-triq ikollha d-dawl?

14/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta’ Ħad Dingli li l-istess Kunsill qiegħed jaħdem sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. Fil-fatt, infurmat mill-istess Kunsill li dan is-suġġett ser ikun item fuq l-aġenda għal-laqgħa li jmiss tal-istess Kunsill Lokali.

Seduta 104
20/03/2023

**ELECTROGAS – BASTIMENT ARMADA LNG MEDITERRANEA**

**7252. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tippreżenta kopja tal-ftehim li bih ġie pprokurat il-bastiment 'Armada LNG Mediterranea' minn Electrogas Malta bħala parti mill-proġett tal-powerstation tal-gass?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tappartjeni lil kumpanija privata. L-Enemalta mhix involuta fil-kuntratt dwar il-bastiment Armada LNG Mediterrana.

Seduta 104
20/03/2023

**BASTIMENT ARMADA LNG MEDITERRANEA – INKARIGU TA' AĠENTI**

**7253. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk sabiex tipprokura l-bastiment 'Armada LNG Mediterranea' kienx hemm l-inkarigu ta' aġenti? Jekk iva, tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti relattivi flimkien mal-ammonti li dawn l-aġenti tħallsu għas-servizz mogħti?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 7252.

Seduta 104
20/03/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - RAPPORTI LILL-PULIZIJA**

**7254. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm-il rapport kriminali sar mill-Permanent Secretary mal-Pulizija fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom fil-Ministeru? Jista' jgħid ukoll dwar xiex sar ir-rapport u x'kien l-eżitu ta' kull rapport rispettiv?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU - RAPPORTI LILL-PULIZIJA**

**7255. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm-il rapport kriminali sar mill-Permanent Secretary mal-Pulizija fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom fil-Ministeru? Jista' jgħid ukoll dwar xiex sar ir-rapport u x'kien l-eżitu ta' kull rapport rispettiv?

14/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - RAPPORTI LILL-PULIZIJA**

**7256. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm-il rapport kriminali sar mill-Permanent Secretary mal-Pulizija fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom fil-Ministeru? Jista' jgħid ukoll dwar xiex sar ir-rapport u x'kien l-eżitu ta' kull rapport rispettiv?

14/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - RAPPORTI LILL-PULIZIJA**

**7257. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm-il rapport kriminali sar mill-Permanent Secretary mal-Pulizija fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom fil-Ministeru? Jista' jgħid ukoll dwar xiex sar ir-rapport u x'kien l-eżitu ta' kull rapport rispettiv?

14/03/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7303. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6744, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 6980 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7304. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6745, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 6981 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7305. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6746, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 6982 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7306. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6747, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 6983 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7307. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6748, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 6984 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**PAGAMENTI LIL SOĊJETÀ**

**7308. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6749, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu

separatament, ir-raġuni, id-data ta’ meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f’liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f’liema munita saru?

14/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 6985 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta 104
20/03/2023

**GĦAWDEX – XEWKIJA – TRIQ TA’ ĦAMET – ZEBRA CROSSING**

**7310. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid għaliex fi Triq Ta' Ħamet, Xewkija, it-triq prinċipali ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu għaddew diversi xhur u għadha ma saritx fiha ż-zebra crossing kif kien hemm qabel ġiet asfaltata din it-triq, u għalhekk hemm periklu kbir f'din l-imsemmija triq għal min irid jaqsam? Jista’ jgħid jekk iseħħ inċident min se jerfa’ r-responsabbiltà min-naħa tal-Ministeru għal dan in-nuqqas serju li issa ilu diversi xhur?

14/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lights taż-zebra crossing se jitwaħħlu hekk kif tiġi awarded it-tender tal-belisha lights. Nixtieq ukoll nistaqsi lill-Onor. Interpellant min refa’ r-responsabbiltà meta ħalla Triq l-Imġarr tikkrolla u Triq San Blas fuq kisja tarmak waħda li llum qed terġa' tispiċċa u trid terġa' ssir mill-ġdid.

Seduta 104
20/03/2023

**FATF – TRASPARENZA U ŻIEDA BENEFIĊJARJA TAL-KUMPANIJI**

**7313. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 6805, 6806 u 6988, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u lill-Prim Ministru rispettivament, u ċjoè: F'konformità mal-gwida tal-FATF dwar it-trasparenza u s-sjieda benefiċjarja tal-kumpaniji, jista' l-Ministru jgħid min kienu s-sidien benefiċjarji tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, meta ngħataw il-konċessjoni tat-tliet sptarijiet statali tagħna fl-2016 u jekk kienx hemm xi bidla fis-sjieda benefiċjarja ta’ din il-kumpanija fl-2017?

14/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Vitals Global Healthcare (C 70546) illum jisimha Steward Malta Ltd. Fl-2017 il-Malta Business Registry ma kellhiex il-poter legali illi tiġbor l-informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjari. L-azzjonista fl-2017 kienet il-kumpanija Bluestone Investments Malta Ltd (C 67975).

Seduta 104
20/03/2023

**PULIZIJA – FAILED ASYLUM SEEKERS LI GĦANDHOM POLICY CARD**

**7314. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hawn failed asylum seekers li għandhom policy card? Din l-informazzjoni tista' tingħata skont minn liema pajjiż dawn ġejjin u kemm ilhom Malta?

14/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-ammont ta' failed asylum seekers li għandhom dokument tal-Pulizija u għadhom jitolbu estensjoni huma dawk li jidhru fit-tabella t'hawn taħt. It-tabella tinkludi wkoll in-nazzjonalità ta' dawn il-persuni, u ż-żmien li ilhom Malta jvarja mis-sena 2004 sas-sena 2022. Il-figuri jirriflettu data miġbura fil-15 ta' Marzu 2023.

| Failed asylum seekers li għandhom dokument tal-Pulizija, li għadhom jitolbu estensjoni 15.03.2023 | |
|---|---|
| Nazzjonalità | Ammont |
| Algeria | 3 |
| Bangladesh | 24 |
| Benin | 2 |
| Burkina Faso | 10 |
| Chad | 11 |
| China | 1 |
| Congo | 7 |
| Egypt | 2 |
| Eritrea | 22 |
| Ethiopia | 18 |
| Gambia | 31 |
| Ghana | 15 |
| Guinea | 31 |
| Guinea Bissau | 6 |
| India | 3 |
| Iran | 1 |
| Iraq | 3 |
| Ivory Coast | 78 |
| Kamerun | 21 |
| Liberia | 6 |
| Libya | 7 |
| Mali | 86 |
| Morocco | 1 |
| Mhux indikat | 2 |
| Nepal | 1 |
| Niger | 17 |
| Nigeria | 117 |
| Pakistan | 19 |
| Palestine | 4 |
| Senegal | 41 |
| Sierra Leone | 7 |
| Syria | 3 |
| Somalia | 21 |
| Sudan | 103 |
| Togo | 13 |
| Zimbabwe | 1 |
| Total | 738 |

Seduta 104
20/03/2023

**MCAST – DIPLOMA/DEGREE FIS-SOCIAL WORK**

**7315. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6957 u jgħid jekk huwiex minnu li l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) qed jippjana li joffri diploma u degree fis-Social Work?

14/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala parti mill-proċess u żvilupp ta' kull student fl-edukazzjoni, għaddejjin it-taħdidiet neċessarji biex titwaqqaf degree fis-suġġett imsemmi.

Seduta 104
20/03/2023

**CHARGING STATIONS ĠEWWA MARSASKALA**

**7316. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li l-baħħara u s-sajjieda ġewwa Marsaskala ilhom is-snin jiġu mwiegħda dawk imsejħa "charging stations" li jintużaw sabiex jipprovdu elettriku u ilma lill-opri tal-baħar, jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jindika jekk din it-talba ġietx mismugħa u jekk fl-affermattiv, meta ser jitwaħħlu dawn?

14/03/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm pillar wieħed li jipprovdu elettriku u ilma lill-opri tal-baħar ġewwa Marsaskala. Ninsab infurmat li bħalissa d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura qed jaħdem fuq l-installazzjoni ta' ħames pillars oħra madwar Marsakala u ieħor ġewwa l-Bajja ta' San Tumas. Ix-xogħol fuq dawn il-pillars jinsab fi stat avvanzat u dawn mistennija li jiġu installati fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 104
20/03/2023

**KONVENZJONI RAMSAR – PROJBIZZJONI DWAR L-UŻU TA' SPARAR BIĊ-ĊOMB**

**7317. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6496 dwar jekk Malta u Għawdex hux se jaderixxu mal-Konvenzjoni Ramsar (bħall-bqija tal-Ewropa) li tipprojbixxi l-użu ta' sparar biċ-ċomb peress li dan jikkawża problemi tossiċi kbar kemm fl-għasafar kif ukoll fil-kreaturi kollha li possibbilment jixorbu minn dan l-ilma, jista' l-Ministru jwieġeb anke fil-konfront ta' art privata li hija mistagħdra (wetlands) jew li għandha għadajjar sew jekk huma naturali kif ukoll jekk huma artifiċjali peress li fit-tweġiba tiegħu huwa ta l-informazzjoni għar-rigward tal-art pubblika biss?

14/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li diġà spjegajtilha fil-PQ 6496.

Seduta 104
20/03/2023

**MARSASKALA – TRIQ SANT'ANTNIN – TNEĦĦIJA TA' ARBLI TAD-DAWL**

**7318. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6759, dwar talba formali biex jitneħħew arbli tad-dawl ġewwa Triq Sant'Antnin f'Marsaskala, fejn il-Ministru wieġbet li skont l-informazzjoni li għaddewlha, din it-talba qatt ma kienet reġistrata għand l-Enemalta, tista' l-Ministru tagħti l-informazzjoni għar-rigward tat-talba li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li t-talba li qed tirreferi għaliha l-Onor. Interpellant hija dwar devjazzjoni tal-linji tal-elettriku. Peress li din hija triq traffikuża, l-Enemalta applikat mal-LESA minħabba li jkun hemm bżonn uffiċjali tal-LESA biex jagħmlu devjazzjoni tat-traffiku ħalli jsir ix-xogħol li jinvolvi wkoll tħaffir tat-trinka. Ix-xogħol issa huwa maqbul mal-LESA biex jibda fil-11 ta' April.

Seduta 104
20/03/2023

**NEGOZJI ŻGĦAR – ĦRUĠ TAL-ISKART**

**7319. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk in-negozji ż-żgħar ġewwa l-ibliet u l-irħula li sa ftit taż-żmien ilu kienu joħorġu l-iskart magħżul tagħhom, għadhomx jistgħu jagħmlu dan mal-bqija tar-residenti li jgħixu fl-istess post? Jekk fin-negattiv, minn meta nbidel dan? Dawn qed ikunu mġiegħla jħallsu xi tariffi partikolari għal dan is-servizz?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**CHILDCARE CENTRES – ĦRUĠ TAL-ISKART**

**7320. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk iċ-child care centres ġewwa l-ibliet u l-irħula li sa ftit taż-żmien ilu kienu joħorġu l-iskart magħżul tagħhom, għadhomx jistgħu jagħmlu dan mal-bqija tar-residenti li jgħixu fl-istess post? Jekk fin-negattiv, minn meta nbidel dan? Dawn qed ikunu mġiegħla jħallsu xi tariffi partikolari għal dan is-servizz?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lil Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL – ĦRUĠ TAL-ISKART**

**7321. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja jew tal-Privat ġewwa l-ibliet u l-irħula li sa ftit taż-żmien ilu kienu joħorġu l-iskart magħżul tagħhom, għadhomx jistgħu jagħmlu dan mal-bqija tar-residenti li jgħixu fl-istess post? Jekk fin-negattiv, minn meta nbidel dan? Dawn qed ikunu mġiegħla jħallsu xi tariffi partikolari għal dan is-servizz?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL - FIRE DRILLS**

**7329. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 5825 u 6640 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5119, jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet tal-iskejjel li għamlu dawn il-fire drills?

14/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL - STUDENTI LI JAGĦMLU UŻU MIS-SERVIZZ TAT-TRASPORT - RAPPORI DWAR IMĠIBA MHUX XIERQA**

**7330. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 6325 u 6996 u jgħid kemm-il rapport sar fl-aħħar sentejn (2021-22 u 2022-23) minn studenti, ġenituri, xufiera jew membri tal-istaff edukattiv dwar imġiba mhux xierqa ta' studenti waqt li jużaw is-servizzzi ta' trasport?

14/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL - INVESTIMENTI F'LABORATORJI**

**7331. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 6331 u 7009 u jgħid x'sar mill-wegħda ta' €150 miljun investiment f'laboratorji fl-iskejjel tagħna? Jista' jgħid liema skejjel ibbenefikaw u x'materjal ingħata jew ġie mibdul? X'fadal jiġi investit mis-somma inizjali?

14/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**DIVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET – XOGĦOL GĦALL-KUNSILLI LOKALI**

**7350. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7084 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6862 dwar xogħol għall-kunsilli lokali mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti li qed jitwettqu bħalissa bil-mod kif indikat fir-risposta, kemm fejn ix-xogħol qed isir kollu mid-dipartiment, kif ukoll fejn il-kunsill qed jipprovdi l-materjal?

15/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 104
20/03/2023

**DIVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET – XOGĦOL GĦALL-KUNSILLI LOKALI**

**7351. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7085 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6862 dwar xogħol għall-kunsilli lokali mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, jista' l-Ministru jgħid liema kienu x-xogħlijiet li saru bil-modi indikati fit-tweġiba għas-sena 2022?

15/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 104
20/03/2023

**SEVERANCE PACKAGE TA' INDIVIDWU**

**7352. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7134, jista' l-Prim Ministru jgħid x'qed jiswa lill-poplu Malti kull oġġett tas-severance package tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, kif approvat f'Diċembru 2019, kull sena, u x'inhi l-ispiża totali ta' dan is-severance package fuq bażi annwali?

15/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata fseduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - EMAIL B'MISTOQSIJIET MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES**

**7353. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7124, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails bil-mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet lokali jew internazzjonali li ma ġewx imwieġba bil-miktub, speċifikament lil dik il-media house jew l-online news portal, mill-Ministeru tiegħu u l-entitajieti/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar u Frar 2023?

15/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 7124.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - EMAIL B'MISTOQSIJIET MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES**

**7354. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7123, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails bil-mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet lokali jew internazzjonali li ma ġewx imwieġba bil-miktub, speċifikament lil dik il-media house jew l-online news portal, mill-Ministeru tagħha u l-entitajieti/awtoritajiet li jaqgħu taħtha matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar u Frar 2023?

15/03/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-PQ 7123.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - EMAIL B'MISTOQSIJIET MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES**

**7355. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7122, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails bil-mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet lokali jew internazzjonali li ma ġewx imwieġba bil-miktub, speċifikament lil dik il-media house jew l-online news portal, mill-Ministeru tiegħu u l-entitajieti/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar u Frar 2023?

15/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 7122.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - EMAIL B'MISTOQSIJIET MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES**

**7356. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7121, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails bil-mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet lokali jew internazzjonali li ma ġewx imwieġba bil-miktub, speċifikament lil dik il-media house jew l-online news portal, mill-Ministeru tiegħu u l-entitajieti/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar u Frar 2023?

15/03/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7121.

Seduta 104
20/03/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLUTRA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - EMAIL B'MISTOQSIJIET MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES**

**7357. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7120, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails bil-mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet lokali jew internazzjonali li ma ġewx imwieġba bil-miktub, speċifikament lil dik il-media house jew l-online news portal, mill-Ministeru tiegħu u l-entitajieti/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar u Frar 2023?

15/03/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7120.

Seduta 104
20/03/2023

**AWTORITÀ GĦALL-ISTANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI – ILMENTI MINN ANZJANI JEW MILL-FAMILJARI TAGĦHOM**

**7369. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment tressaq fis-sena 2022 lill-Awtorità għall-Istandards ta' Ħarsien Soċjali minn anzjani u/jew mill-familjari tagħhom li jgħixu fid-djar residenzjali u fir-Residenza San Vinċenz de Paul dwar infermiera u carers li ma jkunux jitkellmu u jifhmu l-Malti?

15/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' lmenti li tressqu fis-sena 2022 lill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) minn anzjani u/jew mill-familjari tagħhom li jgħixu fid-djar residenzjali u fir-Residenza San Vinċenz de Paul dwar infermiera u carers li ma jkunux jitkellmu u jifhmu l-Malti huwa ta' tnejn (2).

Seduta 104
20/03/2023

**KORSIJIET TAL-MALTI GĦAL INFERMIERA U CARERS**

**7370. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex il-problema ta' infermiera u carers li ma jitkellmux u ma jifhmux il-Malti tiġi indirizzata darba għal dejjem? Jista' l-Ministru jgħid x'korsijiet qed jingħataw bħalissa sabiex dawn jitgħallmu l-Malti u jgħid ukoll kemm huma twal dawn il-korsijiet?

15/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed jiġu offruti korsijiet tal-lingwa Maltija lill-infermiera u carers li ma jitkellmux u ma jifhmux il-Malti. Huwa obbligu li l-infermiera li jaħdmu mal-anzjani fid-djar governattivi jpoġġu għall-kors fil-Basic Medical Maltese for Health Professions li jikkonsisti f'ħames sigħat tagħlim. Dan il-kors huwa provdut mill-Università ta' Malta. Il-carers barranin ukoll huma obbligati li jpoġġu għall-kors fil-'Maltese Proficiency Test'. Dan huwa kors provdut minn entitajiet diversi u t-tul tal-ħin ivarja. Il-medja ta' dan il-kors huwa ta' 28 siegħa fuq medda ta' seba' ġimgħat.

Seduta 104
20/03/2023

**MELLIEĦA – DAR TAL-ANZJANI – SERVIZZI**

**7371. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex se jkun jikkonsisti s-servizz tal-Electrocardiogram (ECG) u s-servizz tal-Palliative Care fid-Dar tal-Anzjani fil-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll kull meta ser ikunu qed jingħataw dawn is-servizzi, min se jkun jista' jagħmel użu minn dawn is-servizzi u kemm ħaddiema se jkunu qed jagħtu dawn is-servizzi?

15/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-użu tal-Electrocardiogram (ECG) huwa importanti fl-evalwazzjoni u dijanjosi tal-mard tal-qalb. Dan it-tagħmir ser jintuża bħala għodda ta' screening ta' ċertu kundizzjonijiet tal-qalb kif ukoll sabiex tinħareġ dijanjosi tal-kundizzjonijiet mingħajr il-ħtieġa li l-anzjani jintbagħtu l-Isptar Mater Dei. Dan it-test se jingħata lil kull resident fid-dar residenzjali tal-Mellieħa, darba fis-sena, bħala eżami ta' rutina u għalhekk se jgħin fil-ġlieda kontra l-mard tal-qalb u l-puplesiji, u allura l-opportunità li jiġu identifikati l-kundizzjonijiet u jiġu ttrattati se tiżdied, bl-għan li nipprovdu kwalità ta' ħajja aħjar lill-anzjani tagħna. Sar it-taħriġ neċessarju sabiex ikun jista' jingħata dan is-servizz.

Il-kura paljattiva hija kura li tingħata lir-residenti li jgħixu fid-djar tal-Gvern li jbatu minn mard serju jew kundizzjonijiet kroniċi u waslu fl-aħħar stadju ta' ħajjithom. Din it-tip ta' kura tiffoka fuq il-persuna b'mod ħolistiku aktar milli fuq il-marda, sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet fiżiċi, prattiċi, funzjonali, soċjali, emozzjonali u spiritwali tar-residenti u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom. Dan jinvolvi tim multidixxiplinarju li ser jagħti dan is-servizz sabiex ir-resident jinżamm komdu fil-kura li qed jingħata.

Seduta 104
20/03/2023

**MELLIEĦA – ANZJANI LI GĦAMLU UŻU MIS-SERVIZZ TA' NIGHT SHELTER**

**7372. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani li għamlu użu mis-servizz ta' night shelter fil-Mellieħa fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, sena b'sena?

15/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' anzjani li għamlu użu mis-servizz tan-Night Shelter fil-Mellieħa kienu kif muri hawn taħt:
2020 – 4
2021 – 0
2022 – 0
2023 sal-lum – 0

Is-servizz ta' Night shelter fil-Mellieħa kien wieqaf bejn it-13 ta' Marzu 2020 u l-1 ta' Lulju 2020 u bejn is-7 t'Awwissu 2020 u t-30 ta' Ġunju 2021 minħabba l-pandemija tal-COVID 19.
Sussegwentement, f'Novembru tas-sena 2021, in-night shelter tal-Mellieħa beda jintuża bħala sala għall-pazjenti bid-dimensja sakemm is-sala tad-dimensja fid-Dar Madonna tal-Mellieħa ġiet rinovata u tlestiet fit-12 t'Ottubru ta' 2022.
Riċentament dan in-night shelter ġie rinovat u mis-6 ta' Marzu 2023 kien lest biex jista' jibda jingħata s-servizz ta' Night Shelter għall-massimu ta' sitt persuni.

Seduta 104
20/03/2023

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA – KUNTRATT TA' IMPJIEG**

**7373. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt ta' impjieg u kwalunkwe dokument ieħor li jirregola l-impjieg tal-Kummissarju tal-Pulizija?

15/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**
Il-Kummissarju għall-Pulizija nħatar wara sejħa pubblika skont il-kundizzjonijiet hekk stabbiliti fl-istess sejħa, liema sejħa qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Infakkar lill-Onor. Interpellant li din kienet l-ewwel darba li l-Kummissarju tal-Pulizija nħatar b'dan il-metodu ġdid li kien jinkludi wkoll skrutinju parlamentari. Dan bħala parti minn sensiela ta' riformi bla preċedent biex tissaħħaħ il-governanza f'pajjiżna.

Seduta 104
20/03/2023

**KUNSILL MALTI GĦAX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA – KUNTRATT TA' IMPJIEG TAL-KAP EŻEKUTTIV**

**7374. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt ta' impjieg u kwalunke dokument ieħor li jirregola l-impjieg tal-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST)?

15/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**KUNSILL GĦAL ĦILIET NAZZJONALI – KUNTRATT TA' IMPJIEG TAĊ-CHAIRPERSON**

**7375. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt ta' impjieg u kwalunke dokument ieħor li jirregola l-impjieg taċ-Chairperson tal-Kunsill għal Ħiliet Nazzjonali?

15/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 104
20/03/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ TONI BAJADA - BOZZA MA TIXGĦELX**

**7376. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6064 dwar bozza ma tixgħelx fi Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, fejn ingħad li din ġiet irranġata, tista' l-Ministru tassigura li din qiegħda tixgħel kif suppost hekk kif baqgħet ma tiffunzjonax, minkejja li saru rapporti lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar dwar dan, anke wara d-data li fiha ġiet imwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsijia parlamentari 6064, ninfurmaha li ressaqt mill-ġdid l-ilment lill-EneMalta.

Seduta 104
20/03/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**7379. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1417 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, b'mod partikolari b'referenza għal bozza partikolari li ma kinitx tixgħel, fejn fit-tweġiba ngħad li l-bozoz li ma kinux jixegħlu nbidlu għal bozoz LED, tista' l-Ministru tassigura li din il-bozza qiegħda tixgħel kif suppost, hekk kif din tinsab mitfija u dan minkejja li sar rapport lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar madwar xahar ilu?

15/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta ġiet infurmata mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-kuntrattur tal-kunsill informa lill-Kunsill li l-bozza f'Dawret in-Nawfraġju qiegħda tiffunzjona.

Seduta 104
20/03/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**7380. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1418 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, u b'referenza għal bozza partikolari li ma kinitx tixgħel, peress li fit-tweġiba ngħad li kienet diġà ttieħdet azzjoni biex il-bozoz jiġu rranġati, jista' l-Ministru jassigura li din il-bozza qiegħda tixgħel kif suppost, hekk kif din tinsab mitfija u dan minkejja li sar rapport lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar madwar xahar ilu?

15/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-lampa li qed tagħmel referenza għaliha l-Onor. Interpellant issewwiet.

Intant infurmat mill-istess Kunsill Lokali li dwar kwistjonijiet ta' din in-natura jsiru follow-ups regolari min-naħa tal-Kunsill Lokali sabiex jitranġa dak kollu li jkun hemm bżonn fil-lokalità relattiva.

Seduta 104
20/03/2023

**SPTAR MATER DEI – ART CLINIC – PROĊESS TA' EMBRYO TRANSFER PERMEZZ TAL-IVF**

**7381. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux minnu li pazjenti li kienu waslu biex jibdew il-proċess ta' embryo transfer permezz tas-servizz tal-IVF mogħti fl-Art Clinic fl-Isptar Mater Dei, matul l-aħħar jiem ġew informati li għalissa ma jistgħux jibdew dan il-proċess? Jekk iva, x'inhi r-raġuni għal dan u meta mistenni jerġa' jibda s-servizz ta' embryo transfer?
15/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-proċess ta’ l-embryo transfer ġewwa l-ART Clinic fl-isptar Mater Dei ġie temporanjament sospiż , għaliex l-Awtoritajiet Maltin irċevew notifika ta’ recall ta’ medical device li jintuza fil-proċess tal-IVF, u għaldaqstant dan il-posponiment qed isir fuq raġuni teknika.Dan il-posponiment temporanju qed isir biex nassiguraw is-safety tal-pazjent.

Seduta 104
20/03/2023

**GĦALLIEMA GĦAWDXIN LI GĦAMLU R-READING RECOVERY COURSE**

**7384. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu dawk l-għalliema mill-iskejjel Għawdxin li ntbagħtu għal Reading Recovery course fis-sena skolastika attwali (2022-2023), u jekk dan hux isir waqt il-ħin tal-iskola u jekk il-klassijiet humiex jitħallew bla għalliem fiss matul dal-perjodu?

16/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 7 għalliema mill-iskejjel Għawdxin li qed isegwu l-course msemmi u li jsir waqt il-ħinijiet tal-iskola. Dawk il-klassijiet li jkollhom l-għalliem/a għaddej bil-kors, jingħatalom għalliem ieħor.

Seduta 104
20/03/2023

**SKEJJEL – 6TH FORM SIR M.A. REFALO**

**7385. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-6th Form Sir M.A. Refalo għandhiex it-titlu ta' Institute for Further Education? Jekk iva, dan meta ngħata u għaliex?

16/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 104
20/03/2023

**MCAST - ENGINEERING AND ELECTRONICS COURSE – APPRENTICESHIP**

**7386. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istudenti li qed jagħmlu l-kors tal-Engineering and Electronics fl-MCAST humiex jagħmlu l-apprenticeship (li kellu jibda fi Frar tal-2023)?

16/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema kors qed jirreferi.

Seduta 104
20/03/2023